**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 27 ta' Frar, 2020**

**Rikors Guramentat numru : 248/13 AL**

**A B**
**(ID. No. 377762(M)**
**-vs-**

**C D**
**(ID. No. 23960(M).**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attriċi, li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewgu f'Malta, fil-Paroċċa ta' Xbiex nhar is-sbatax (17) ta' April tas-sena elf, disa` mija tnejn u tmenin (1982);

2. Illi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Pubbliku Dottor Tonio Cauchi datat l-1 ta' Ottubru, 2004 il-partijiet isseparaw u tterminaw il-komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejniethom;

3. Illi meta gie konkluz u ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti ma kinitx a konoxxenza ta' diversi assi formanti parti mill-

kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-intimat stante illi tali assi ġew mistura mill-konoxxenza tagħha mill-intimat;

4. Illi in segwitu ghall-konkluzzjoni u ffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali r-rikorrenti saret taf bl-ezistenza ta' dawn l-assi;

5. Illi konsegwentement l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jeħtieġ li jiġi varjat fis-sens li filwaqt li jinżammu ferm fl-aspetti l-oħra kollha tiegħu ghandhom jinbidlu dawk id-disposizzjonijiet relattivi ghal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti proprju sabiex issir ukoll l-assenjazzjoni u d-divizjoni ta' dawk l-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti fil-mument li gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u li r-rikorrenti dak iz-zmien ma kinitx taf bihom.

6. Illi r-rikorrenti procediet bil-procedura ta' medjazzjoni skont il-ligi liema medjazzjoni li ggib in-numru 1574/2013 giet maghluqa u dan wara li l-intimat kien diga wera bic-car li assolutament ma jridx jikkopera mar-rikorrenti biex tintlahaq xi forma ta' transazzjoni.

Talbet li l-konvenut igħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

i. Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali pubblikat fl-1 ta' Ottubru, 2004 in atti Nutar Tonio Cauchi ghandu jigi varjat billi, filwaqt li jinzamm ferm fl-aspetti l-ohra kollha tiegħu, jiġu mibdula d-disposizzjonijiet relattivi ghal-likwazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet sabiex issir ukoll l-assenjazzjoni u d-divizjoni ta' dawk l-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet fil-mument li gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u li r-rikorrenti dak iz-zmien ma kinitx taf bihom u ghalhekk ma kinux ġew inkluzi f'tali likwidazzjoni u divizjoni;
ii. Tillikwida mill-gdid il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet fl-1 ta' Ottubru, 2004 billi tieħu konjizzjoni wkoll ta' dawk l-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dak iz-zmien u li r-rikorrenti dak iz-zmien ma kinitx taf bihom u ghalhekk ma kinux gew inkluzi f'tali likwidazzjoni u divizjoni;
iii. Taqsam, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, l-oggetti kollha mobbli u immobbli li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, inkluz dawk li kienu jifformaw parti minn tali komunjoni tal-akkwisti fil-mument li gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat l ta' Ottubru 2004 in atti Nutar Dottor Tonio Cauchi u li ma kinux gew

inkluzi f'tali divizjoni u likwidazzjoni peress li r-rikorrenti ma kinitx taf bihom, f'żewġ porzjonijiet mhux neċesarjament ta' valur ugwali u tassenja porzjoni minnhom lir-rikorrenti u porzjon iehor lill-intimat, salv ħlas ta' ekwiparazzjoni fi flus f'kaz illi tali oggetti ma jkunux jistghu jinqasmu f'zewg porzjonijiet perfettament ugwali.

iv. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 1 ta' Ottubru 2004 in atti Nutar Dottor Tonio Cauchi billi tvarja d-disposizzjonijiet relattivi għal-likwidazzjoni u divizjoni tal- komunjoni tal-akkwisti skont dak li jigi deċiz minn din l-Qorti in segwitu ghall-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti;

v. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jilqa` u jippubblika l-att korrettorju relattiv, tiffissa d-data, lok u hin ghall-pubblikazzjoni ta' tali kuntratt korrettorju u tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimat fl-eventwali kontumacja tieghu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa (fol.17)

Illi t-talba rikorrenti timmerita illi tiġi miċħuda bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:

1. Illi l-intimat jecepixxi preliminarjament li permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni publikat fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi datat l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004), (anness u mmarkat Dok. RF1), huma sseparaw bonarjament u tterminaw il-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejneithom, liema kuntratt kien u għadu validu bejniethom u dak li qed titlob ir-rikorrenti ma huwiex sempliċement varjazzjonii ta' xi klawsola fil-kuntratt minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi bħal ma huwa l-manteniment u l-aċċess izda x-xoljiment u t-tħassir totali tal-kuntratt u sostituzzjoni b'ieħor'

   Illi l-kuntratt sar volontarjament bi ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim għandu "forza ta' liġi" għalihom u hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim bonarju qiesu ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-interessi tagħhom u allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona s-separazzjoni skont il-volonta libera tagħhom;

2. Illi apparti s-suespost, ir-rikorrenti, permezz ta' dan il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom ħadet il-manteniment li talbet u l-assi li

għazlet u riedet hi stess mill-komunjoni tal-assi u l-intimat C D ha r-rimanenti assi hekk kif jidher kjarament f'dan il-kuntratt anness, liema assi ssemmew u ġew elenkati fid-dettal fil-kuntratt;

3. Illi apparti dan l-istess kuntratt fi klawsola 5(n) jghid hekk "*Fir-rigward ta' kull propjeta` oħra, mobbli jew immobbli, inkluz flus sew jekk mizmuma in kontanti kif ukoll jekk depozitati f'kontijiet bankarji u/jew xi krediti dovuti minn terzi, li jistgħu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li mhumiex imsemmija f'dan il-kuntratt, il-Mara qed tassenja u tittrasferixxi favur ir-Ragel, li jaċċetta, is-sehem tagħha minn din il-propjeta` u tiddikjara illi m'għandha l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-istess;*
4. Illi apparti dan klawsola 5(o) fl-istess kuntratt tistipula li '*Il-partijiet jiddikajraw illi salv ghal dak li ntqal aktar 'il fuq ghar-rigward il-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali, huma diġa qasmu l-oġġetti mobbli l-oħra li kellhom in komuni, b'dan għalhekk illi kull parti għandha zomm b'titolu ta' proprjeta` assoluta l-oġġetti kollha mobbli li għandha fil-pussess tagħha, inkluz kontijiet bankarji li jista` jkollha f'isimha.'*
5. Illi tajjeb ukoll jissemma li l-intimat fl-istess kuntratt, klawsola 5(q), intrabat li jhallas *'Kwalunkwe somma ta' flus li jirrizulta wara d-data ta' dan l-att li kienet dovuta mill-partijiet lil terzi u liema somma ta' flus dovuta tkun tifforma parti minn debiti tal-Komunjoni tal-Akkwisti ġia` ezistenti bejn il-partijiet, għandha tiġi mħallsa interament u eskluzivament mir-Ragel';*
6. Illi r-rikorrenti fir-rikors tagħha ma semmietx li, prezentement, taħt Qorti diversament presjeduta, għaddejja kawza, il-partijiet inversi, fejn l-intimat qiegħed jitlob minn għandha l-ħlas ta' somma ta' mitejn u erbgha u għoxrin elf tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro (€224,328), liema somma, r-rikorrenti kienet irceviet minghand l-intimat bħala depozitu tal-prezz tal-bejgħ tad-dar matrimonjali, (u dan skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni) li minkejja l-bejgħ, ir-rikorrenti ttrasferiet l-istess dar lil terzi persuni u zammet id-depozitu li kien ħallas l-intimat;
7. Illi dan ir-rikors huwa tentattiv fjakk iehor tar-rikorrenti sabiex ittawwal inutilment il-proċeduri u tfixkel proċeduri ġudizzjarji wara li tentattivi oħra fil-kawza su citata ġew miċħuda

Għar-raġunijiet suesposti, l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fir-rikors tagħha u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenut (fol. 55) li permezz tagħha eċepixxa :

**Preliminari**

Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, datat 2 ta' Novembru, 2016, l-eċċipjent ġie awtorizzat jipprezenta, f'dan l-istadju, nota ta' eċċezzjoni ulterjuri fil-kawza odjerna;
Illi fil-kawza odjerna ġie mitlub, fost talbiet l-oħra, ir-rexxissjoni ta' taqsima nkluza fil-kuntratt tas-Separazzjoni tal-kontendenti – dik dwar ix-Xoljiment, Divizjoni u Assenjazzjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti – minhabba li ġie allegat li l-intimat zamm mistur mill-konoxxenza tal-attrici diversi assi formanti parti minn din il-Kommunjoni tal-Akkwisti;

**Eċċezzjoni**

Illi l-intimat qed jeċepixxi l-eċċzzjoni ta' inkompetenza stante li kawza ta' rixxessjoni ta' kuntratt taqa` fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla u mhiex fil-kompetenza tas-Sezzjoni Familja u dan ai termini tal-Artikoli 4 tar-Regolament 2 (a) fl-iskeda tal-legislazzjoni Sussidjarja 12.20.

Tant ghandu x'jeċepixxi l-intimat għas-savju ġudizzju tal-Qorti.

Semgħet lix-xhiedail li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba sabiex jiġi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-kontendenti ippublikat fl-1 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi. Il-varjazzjoni tal-imsemmi kuntratt qed tintalab fis-sens li għandhom jiġu mibdula d-dispozizzjonijiet relattivi għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, b'mod li qed jintalab li tiġi likwidata mill-ġdid il-komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: Jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fis-17 ta' April 1982. Sussegwentement, il-partijiet isseparaw permezz ta'

kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi ippublikat fl-1 ta' Ottubru 2004.[1] Ir-rikorrenti fir-rikors promotur qed tikkontendi li in segwitu għall-konklużjoni tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni, saret taf bl-eżistenza ta' assi li ma kinitx a konoxxenza tagħhom, preċedentement b'hekk ipproċediet bil-każ odjern.

**Provi:**

Illi r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit[2], u qalet li kienet żżewġet lill-konvenut fis-17 ta' April 1982 u minn dan iż-żwieġ kellhom tlett ulied. Lejn l-aħħar taż-żwieġ, xehdet li li hija kienet qed thossha izolata, t-tfal kienu kibru u żewġha ma kienx jinvolviha f'xejn, u ma kenitx taf dwar x'kien jikkomporta l-business ta' żewġha. Xehdet li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni fl-1 ta' Ottubru 2004, u permezz tieghu l-partijiet bih kisbu s-separazzjoni, u ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom. Xehdet li hija kienet mardet b'marda serja li tolqot in-nervituri u llum hija tinsab f'wheelchair, u f'dik is-sitwazzjoni ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, b'mod li ntebħet wara l-iffirmar tal-kuntratt li żewġha kien ħeba xi assi. Hija xehdet li l-assi li qegħda tirreferi għalihom jikkonsistu f'makkinarju tat-tindif u diversi proprjetà`, bini ġewwa l-Gżira u garaxxijiet f'Ħal Luqa u Tal-Ħandaq. Żiedet tgħid li hija ppruvat tasal fi ftehim bonarju mal-konvenut, li ma sewa għal xejn, u b'hekk ipproċediet b'dan il-każ.

Illi l-P.L. Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, xehed u ppreżenta Dok AT1, rendikont ta' x'sab fuq l-intimat. Dok QTA1 juri d-dokumentazzjoni għall-finijiet ta' prattiċita`. Esebixxa Dok QT1A et seq. ossija d-dokumenti relattivi tal-MFSA għall-kumpanija Interclean Services Limited, il-kumpanija tal-konvenut. Hu esebixxa ulterjorment Dok QTA2 id-dokumenti reġistrati fuq is-soċjeta Onotec Limited u Dok QTA3, id-dokumenti reġistrati ta' R&E Online Marketing Limited.

<u>L-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimat:</u>

Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, datat 2 ta' Novembru 2016, l-intimat ġie awtoriżżat jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri. L-intimat eċċepixxa l-eċċezzjoni ta' inkompetenza stante li l-kawża ta' rexxissjoni ta' kuntratt taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla, u mhijiex fil-kompetenza tas-Sezzjoni Familja u dan ai termini tal-

[1] Il-kuntratt ta' separazzjoni jinsab esebit a fol 30 et seq.tal-process.
[2] Fol 40-41.

artikolu 4 tar-Regolament 2 (a) fl-iskeda ta' leġislazzjoni Sussidjarja 12.20.

Illi fl-ewwel lok, minn qari tat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, ma jirriżultax li r-rikorrenti qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, iżda qed titlob li l-kuntratt jiġi varjat.

Illi hemm distinzjoni ċara bejn talba għar-rexxissjoni ta' kuntratt u talba għal varjazzjoni ta' kuntratt. Illi huwa minnu li fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jimplika li dak li qed jintalab fir-rikors ġuramentat ma huwiex sempliċement varjazzjoni ta' xi klawsola fil-kuntratt, iżda x-xoljiment tal-istess kuntratt u t-thassir totali tal-kuntratt u sostituzzjoni b'ieħor. Illi r-rikorrenti talbet li jiġu mibdula d-dispozizzjoniet relattivi tal-kuntratt ta' separazzjoni, b'referenza għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, b'mod li qed jintalab li tiġi likwidatata mill-ġdid il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, billi jittieħdu in konsiderazzjoni l-assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti dak iż-żmien, liema assi r-rikorrenti dak iż-żmien ma kintix taf bihom.

Illi f''dan il-kuntest, tajjeb jiġi ribadit li dak li trid tikkonsidra din il-Qorti huwa speċifikatament dak mitlub fit-talbiet kif dedotti. Illi l-Qorti, wara l-indaġini u l-analiżi tagħha, tasal għad-deċiżjoni fil-mertu skont dak mitlub fir-rikors promotur. Madankollu, il-fatt li dak mitlub mir-rikorrenti jimporta bidliet maġġuri u prinċipali fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, ma jfissirx li r-rikorrenti qed titlob li l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti għandu jiġi rexxiss, kif donnu qed jimplika l-intimat tramite l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u anke tramite l-eċċezzjoni ulterjuri. F'dan l-istadju, irid jiġi ppreċiżat li dak mitlub fir-rikors ġuramentat m'huwiex li l-kuntratt ta' separazzjoni mertu tal-każ odjern jiġi rexxiss. Tant hu hekk, li qed jiġi mitlub li jiġu varjati u mibdula d-dispozizzjonijiet relatati mal-komunjoni tal-akkwisti, b'mod li jinżammu ferm l-aspetti l-oħra kollha tiegħu. Dan huwa l-kliem użat fl-ewwel talba tar-rikors. Għalhekk, għalkemm dak mitlub mhuwiex varjazzjoni sempliċi tal-kuntratt, dan bl-ebda mod ma jfisser li qed jintalab li l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni jiġi rexiss.
Illi dwar ir-rexxissjoni ta' kuntratt ingħad hekk fil-każ Abela Emanuel vs Montebello AIC Lawrence et, Prim Awla (28/02/2002) "B'rexxissjoni ta' kuntratt, il-partijiet jitqegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-ftehim li jiġi mħassar." Dwar l-effetti ta' rexxissjoni fil-każ Vassallo Vincenza vs Caruana Montalto AIC Edgar, Prim Awla (23/10/2001), ġie ritenut: "…fir-rexxissjoni, l-kuntratt għalkemm validu jkun difettuż u għalhekk annullablli..." Huwa evidentement ċar li fil-każ odjern, m'hijiex tintalab

ir-rexxissjoni tal-kuntratt, iżda l-varjazzjoni u l-korrezzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni

Għalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimat.

<u>PRINĊIPJI LEGALI TA' PACTA SUNT SERVANDA</u>:

Illi fit-tieni lok, huwa relevanti ferm il-prinċipju ta' pacta sunt servanda applikabbli wara li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet ġie ffirmat u ppublikat.

Illi jiġi ritenut li l-klawsola in kwistjoni supra ċitata, u ċjoe klawsola numru wieħed (1) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma tħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-partijiet li l-manteniment imsemmi ta' LM25 fil-ġimgħa ekwivalenti għal Ewro 58.23 fil-ġimgħa, jibqa' jkun dovut lil martu.

F'dan il-kuntest, ta' min jenunzja l-prinċipji legali marbuta mal-prinċipju pacta sunt servanda.

Illi l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art.992(1) Kodiċi Ċivili; ara Carmelo Bajada noe vs Father S. Cachia et noe (Appell Kummerċjali deċiż fis-16 ta' Lulju 1973).

Illi l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata (Pacta sunt servanda). (Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Ingineer Civili Anthony Spiteri Staines - (Appell Civili deċiż fil-5 ta' Ottubru 1998) Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et deċiża fit-30 ta' Mejju 2002; Stephen Vella vs Adriana Vella noe 1277/1999/1 (RCP) deciza fit-28 ta' Novembru 2002.

Illi l-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinsiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom (pacta sunt servanda), u l-ebda Qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan diment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu, llum huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuġa f'Kap 16 trid tiġi interpretata wkoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri li l-kuntratti jiġu esegwiti in bona fede.

Illi l-artikolu 993 tal-Kap 16 jgħid hekk:
"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwita bl-użu jew bil-liġi".

Fil-kawża Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et, Qorti Appell deciza fl- 2011, il-Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fejn qalet:
"…il-prinċipju jibqa' l-istess, cjoe` dak tal-liberta kontrattwali bil-korollarju tiegħu li l-eċċezzjonijiet għal dik il-liberta` m'għandhomx jiġu estiżi lil hemm mil-limiti tal-liġi li tistabilixxi l-eċċezzjoni…l-Kodiċi Ċivili li jagħti lill-kuntratti magħmulin skont il-liġi is-saħħa tal-liġi stess, li hija l-aqwa liġi, ċjoe` l-liġi tal-partijiet, il-mezz u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi."

Illi dan hu konformi mal-prinċipju li ladarba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu preżunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-interessi tagħhom u allura una volta ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorche bbażat fuq l-ekwita. Il-prinċipju tar-rispett għall-volonta tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftehmu fuqu l-partijiet għandu 'forza ta' ligi' għalihom (L-artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tvarja dak li ftehmu l-partijiet bil-volonta tagħhom.

Illi din il-Qorti tħoss li m'għandhiex għalfejn tgħid aktar dwar l-intenzjoni tal-partijiet, u dwar kif tali intenzjoni għandha tiġi rispettata.

Illi kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet Moses Briffa vs Nathalina Briffa, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019, ma jirriżultax ir-rekwiżit neċessarju li jidderoga mill-prinċipju pacta sunt servanda, b'mod li r-rikorrent ma setax jiġi eżonerat milli jadempixxi l-obbligi kontrattwali tiegħu.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell f'dan il-każ irriteniet hekk:

"Il-ġurisprudenza riċenti hi fis-sens li, minkejja dak miftiehem f'kuntratti ta' separazzjoni u li jolqot biss lill-partijiet, jistgħu jeżistu ċirkostanzi 'ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volonta tal-attur li ġabuh fl-impossibilita, li jħallas ir-retta alimentali (pattwita) allura f'każi

simili jista' jkun hemm lok għal varjazzjoni[3].' Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Għalhekk, sabiex din l-eccezzjoni għar-regola tkun applikabbli, jeħtieġ li min ikun intrabat kontrattwalment li jesegwixxi obbligu biż-żmien isib ruħu fl-impossibilta` estranea għall-volonta` tiegħu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tiegħu."

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi fil-każ in eżami, ir-rikorrenti qed titlob li jiġu mibdula d-dispozizzjonijiet relattivi għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, billi qed jiġi mitlub li l-Qorti tieħu konjizzjoni tal-assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti f'dak iż-żmien, liema assi ir-rikorrenti ma kintix taf bihom fiz-żmien tal-iffirmar tal-kuntratt.

Illi l-intimat oppona għat-talbiet odjerni billi sostna li l-ftehim sar volontorjament bejn il-partijiet, liema ftehim għandu forza ta' liġi. Inoltre` ġie wkoll eċċepit li r-rikorrenti ħadet il-manteniment u l-assi li għażlet hija stess, l-intimat ħa r-rimanenti assi, permezz tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Di piu`, ġie sostnut li dak mitlub mir-rikorrenti m'huwiex sempliċement varjazzjoni għaliex meta qed titlob li tiġi likwidata mill-ġdid il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, dan m'huwiex semplici tibdil iżda tħassir totali tal-kuntratt u sostituzzjoni b'ieħor. Di piu`, l-intimat sostna wkoll fir-risposta tiegħu, li l-kalwsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni tistipula fid-diversi subinċiżi dak maqbul u miftiehem bejn il-partijiet f'dan il-kuntratt b'referenza għad-dar matrimonjali u l-mobbli ta' ġo fiha, b'mod li l-intimat f'każ separat deċiż minn Qorti diversament preseduta, qed jipproċedi kontra r-rikorrenti għaliex ma onoratx dak stipulat fi klawsola 5 tal-kuntratt. Fil-fatt, l-intimat qed isostni li l-intimata żammet id-depożitu li ħareġ hu fl-ammont ta' Ewro 224,328, għall-prezz tal-bejgħ tad-dar matrimonjali, u minkejja l-bejgħ, huwa qed jallega li A B żammet dan l-ammont minkejja li biegħet id-dar matrimonjali lil terzi.

Illi jingħad fl-ewwel lok, li dak eċċepit mit-tielet sas-seba' eċċezzjonijiet tal-intimat m'huwiex dak li għandu jiġi mistħarreġ fil-proċedura odjerna. Il-kwistjoni rigward id-dar matrimonjlai u d-depozitu fl-ammont ta' Ewro 224, 328, li allegatament inżamm minn A B minkejja li d-dar inbiegħet lil terzi, hija indaġini separata li għandha tiġi mistħarrġa u analizzata f'każ separat quddiem Qorti diversament preseduta. Ghalhekk, din il-

[3] Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe, App Civili Nru 2479/1996 deċiz fis-16 ta' April 2004.

Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri mit-tielet sas-seba' eccezzjoni tal-intimat.

Illi din il-Qorti għandha l-kompitu tistħarreġ biss dak mitlub dwar il-varjazzjoni mitluba rigward il-komunjoni tal-akkwisti, u l-assi tal-komunjoni li allegatament ir-rikorrenti ma kinitx konsapevoli tal-eżistenza tagħhom fiż-żmien tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-1 ta' Ottubru 2004.

Illi Klawosla 5 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni tgħid hekk:

"Il-Komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet qed tiġi xolta u terminata u dan skont  is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:-"

Illi b'mod dettaljat minn klawsola 5(a) tal-kuntratt sa klawsola 5(r) tal-kuntratt, hemm provdut kif ġew assenjati l-assi, fosthom id-dar matrimonjali, mobbli, assi u ishma fis-soċjetajiet. Għalhekk, il-kalwsoli kollha provvduti taħt klawsola ħamsa jiffurmaw parti mil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi huwa fatt inkontestat li ż-żewġ partijiet qablu volontarjament illi ffirmaw il-ftehim ta' separazzjoni, wara li qiesu ċ-ċirkostanzi u l-interessi tagħhom f'dan il-każ. Huwa evidenti mill-istess dettal tal-klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni, li l-partijiet qiesu l-interessi tagħhom, meta saret il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, qabel ġie ffirmat dan il-ftehim. L-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni sar b'mod volontarju bejn il-partijet, ġie ffirmat mill-partijiet, għalhekk, dan il-kuntratt ghandu forza ta' liġi, kif tajjeb sottomess fl-ewwel eċċezzjoni tal-intimat. Hawnhekk, tajjeb jingħad li l-varjazzjoni li qed tintalab mir-rikrorenti m'hijiex minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi iżda hija qed issostni li ma kinitx taf b'xi assi appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti fiż-żmien tal-iffirmar tal-kuntratt. Għaldaqstant, il-prova ta' dak allegat mir-rikorrenti jinkombi fuq l-istess rikorrenti stante li kif tajjeb ritenut fil-ġurisprudenza, min jallega irid jipprova. Fil-fatt hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*.[4]

Ir-rikorrenti qed tikkontendi li fiż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim ta' separazzjoni, hija ma kinitx konsapevoli ta' assi appartanenti lill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm viġenti bejn il-partijiet, stante li ġew moħbija mill-intimat. Hawnhekk ta' min igħid, li l-unika prova li tressqet mir-rikorrenti f'dan ir-rigward tinsab a fol 730 tal-proċess, fejn ġew

[4] Ara Joseph Zammit  vs Joseph Hili  (Vol. XXXVII-I-578).

esebiti riċerki, fejn jidher li l-partijiet kienu akkwistaw garaxx fi Triq Moroni l-Gżira, fil-5 ta' Ġunju 2001. Ir-rikorrenti esebiet ukoll riċerki li juru li l-intimat akkwista garaxx fis-Swieqi fis-27 ta' Ottubru 2004, u wkoll riċerka oħra li turi li l-intimat akkwista appartament f'Tas-Sliema fid-19 ta' April 2005. Illi dawn iż-żewġ assi li l-intimat akkwista ġew akkwistati wara d-data tal-kuntratt ta' separazzjoni, għalhekk dawn l-aħħar żewġ proprjetajiet akkwistati kemm fis-27 ta' Ottubru 2004 u fid-19 ta' April 2005, ma daħlux fil-komunjoni tal-akkwisti. Dwar l-ewwel garaxx fi Triq Moroni l-Gżira, dak ġie akkwistat fiż-żwieġ, meta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet għadha viġenti. Iżda, jiġi osservat li fir-riċerka esebita, a fol 730 tal-proċess m'hemmx biss isem l-intimat iżda hemm ukoll isem ir-rikorrenti A B, u dan jfisser li dik il-proprjeta` ġiet akkwistata fiż-żwieġ miż-żewġ partijiet. Għalhekk, huwa ferm diffiċli li din il-Qorti toqghod fuq dak li qed tikkontendi r-rikorrenti li hija ma kinitx konsapevoli tal-assi kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, għaliex l-istess garaxx ġie akkwistat minnha wkoll u mhux minn C D wahdu.

Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti rat li ma jeżistux provi oħrajn li juru li kien hemm assi oħra appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre`, f'dan il-kuntest, mhuwiex suffiċjenti li jiġi ppruvat li kien hemm assi appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti oltre` dawk imsemmija fil-kuntratt ta' separazzjoni. Iżda, ir-rikorrenti se mai, kien jeħtiġilha tipprova wkoll għas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija ma kinitx a konoxxenza tal-istess assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Illi l-karenza ta' prova f'dan il-każ tikkonsisti kemm fl-indikazzjoni tal-assi li r-rikorrenti qed tallega illi kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u karenza ta' prova wkoll rigward il-prova li fil-fatt hija ma kintix taf bihom fiz-zmien tal-kuntratt. Din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-verżjoni tar-rikorrenti, għaliex ma ġietx ippruvata, u l-unika prova li nġiebet a fol 730 turi li f'dak l-akkwist ta' dik il-proprjeta` ir-rikorrenti kienet dehret u ffirmat għal dak l-akkwist, peress li l-isem tagħha jinsab indikat flimkien ma' dak ta' żewġha u dan juri li hija kienet ukoll ressqet u ffirmat il-kuntratt tal-akkwist. Di piu, jiġi nnutat li l-garaxx indikat a fol 730 mhuwiex fl-istess lok, kif indikat fl-affidavit tar-rikorrenti.

Hawnhekk huwa relevanti dak li ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet AB vs CB (126/2009) deċiża fit-23 ta' Jannar 2013, fejn ingħad hekk:
"Il-provvediment f'kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jiġi mħassar jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet aktar u aktar fin-nuqqas ta' prova da parti tar-rikorrent, l-obbligi tal-ftehim tal-kuntratt ta' separazzjoni viġenti jibqgħu jorbtu u ma jistgħux jiġu alterati."

In vista tas-suespsot, it-talbiet tar-rikorrenti ser jiġu miċħuda.

DEĊIDE

Għaldaqstant u ghar-raġunijiet fuq I msemmija, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa` t-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u tilqa` t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u konsegwentment tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.